# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

27 ta' Ġunju 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa – Kundizzjonijiet materjali tad-dritt għal tnaqqis – Kunsinna effettiva tal-merkanzija"

Fil-Kawżi magħquda C-459/17 u C-460/17,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjonijiet tal-21 ta' Lulju 2017, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Lulju 2017, fil-proċeduri

**SGI** (C-459/17),

**Valériane SNC** (C-460/17)

vs

**Ministre de l'Action et des Comptes publics,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. G. Fernlund (Relatur), President tal-Awla, J.-C. Bonichot u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal SGI u Valériane, minn L. Boré, avocat,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas kif ukoll minn E. de Moustier u A. Alidière, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Gossement u J. Jokubauskaitė, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160) (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn SGI (C-459/17) u Valériane SNC (C-460/17), rispettivament, u l-ministre de l'Action et des Comptes publics (il-Ministru għall-Azzjoni u l-Kontijiet Pubbliċi, Franza), dwar id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal tranżazzjonijiet ta' akkwist ta' oġġetti kapitali.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva jipprevedi:

"Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud:

1. il-provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

2. l-importazzjoni ta' oġġetti".

4 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva:

"1. għall-iskop ta' din id-Direttiva:

– 'territorju ta' Stat Membru' tfisser it-territorju tal-pajjiż kif iddefinit għal kull Stat Membru fil-paragrafi 2 u 3,

– 'Komunità' u 'territorju tal-Komunità' ifissru t-territorju ta' l-Istati Membri kif iddefinit għal kull Stat Membru fil-paragrafi 2 u 3,

[…]

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-'territorju tal-pajjiż' se tkun iż-żona ta' fejn jgħodd it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea kif iddefinita għal kull Stat Membru fl-Artikolu 227.

3. It-territorji li ġejjin ta' Stati Membri individwali jitħallew barra mit-territorju tal-pajjiż:

[…]

– Ir-Repubblika Franċiża:

id-dipartimenti barranin

[…]"

5 Skont l-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva, "[p]rovvista ta' oġġetti" tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà korporali".

6 L-Artikolu 10(1) u (2) ta' din l-istess direttiva jistipula:

"1.

(a) 'Fatt taxxabbli' tfisser fatt li permezz tiegħu il-kondizzjonijet legali neċessarji biex ikun hemm taxxa jiġu sodisfatti;

(b) Ikun hemm taxxa meta l-awtorità tat-taxxa ssir intitolata bil-liġi f'mument partikolari biex tiġbor it-taxxa mill-persuna suġġetta li tħallasha, għalkemm iż-żmien għall-ħlas jista' jkun pospost.

2. Ikun hemm fatt taxxabbli u jkun hemm taxxa meta l-oġġetti jitwasslu jew is-servizzi jingħataw. […]

[…]"

7 L-Artikolu 17(1) u (2) tas-Sitt Direttiva jipprovdi:

"1. Id-dritt li tnaqqas għandu jqum fl-istess ħin meta t-taxxa mnaqqsa ssir taxxabbli.

2. Sa kemm l-oġġetti u s-servizzi huma użati għall-iskopijiet fuq it-transazzjoni taxxabbli tiegħu, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata biex tnaqqas mit-taxxa li hi responsabbli biex tħallas:

(a) taxxa fuq il-valur miżjud dovuta jew mħallsa fir-rigard ta' oġġetti jew servizzi pprovduti jew li għandhom ikunu pprovduti lilu minn persuna taxxabbli oħra;

[…]"

*Id-dritt Franċiż*

8 Il-punt I tal-Artikolu 199j B tal-code général des impôts (il-Kodiċi ġenerali dwar it-taxxi), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem il-"KĠT"), jipprevedi:

"Il-persuni taxxabbli ddomiċiljati fi Franza fis-sens tal-Artikolu 4 B jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul minħabba investimenti produttivi ġodda li huma jagħmlu fit-territorji extra-Ewropej, f'Saint-Pierre-et-Miquelon, f'Mayotte, f'Nouvelle-Calédonie, fil-Polynésie française, fil-gżejjer Wallis-et-Futuna u fit-territorji Franċiżi tan-nofsinhar u tal-Antartiku, fil-kuntest ta' impriża li teżerċita attività agrikola jew attività industrijali, kummerċjali jew artiġjanali li taqa' taħt l-Artikolu 34.

[…]

Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu japplikaw għall-investimenti mwettqa minn kumpannija suġġetta għas-sistema tat-taxxa prevista fl-Artikolu 8 jew raggruppament imsemmi fl-Artikoli 239c jew 239c C, li l-ishma tagħha huma miżmuma […] minn persuni taxxabbli ddomiċiljati fi Franza fis-sens tal-Artikolu 4 B. F'dan il-każ, it-tnaqqis tat-taxxa jsir mill-imsieħba jew membri fi proporzjon li jikkorrispondi mad-drittijiet tagħhom fil-kumpannija jew ir-raggruppament.

[…]

It-tnaqqis tat-taxxa previst fl-ewwel paragrafu japplika għall-investimenti produttivi mpoġġija fid-dispożizzjoni ta' impriża fil-kuntest ta' kuntratt ta' kiri [...]"

9 Skont l-Artikolu 271 tal-KĠT:

"I. 1. It-taxxa fuq il-valur miżjud li ġiet miżjuda fuq l-elementi tal-prezz ta' tranżazzjoni taxxabbli titnaqqas mit-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għal din it-tranżazzjoni.

[...]

II. 1. Sa fejn il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħhom, u bil-kundizzjoni li dawn it-tranżazzjonijiet jagħtu dritt għal tnaqqis, it-taxxa li l-persuni taxxabbli jistgħu jnaqqsu hija, skont il-każ:

a) Dik imsemmija fuq il-fatturi maħruġa konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 289 u jekk it-taxxa setgħet legalment tissemma fuq l-imsemmija fatturi;

[...]"

10 L-Artikolu 272(2) tal-KĠT jistipula:

"It-taxxa fuq il-valur miżjud iffatturata fil-kundizzjonijiet iddefiniti fil-paragrafu (4) tal-Artikolu 283 ma tista' tkun is-suġġett ta' ebda tnaqqis mill-persuna li rċeviet il-fattura."

11 L-Artikolu 283(4) tal-KĠT jipprovdi:

"Meta l-fattura ma tikkorrispondix mal-kunsinna ta' merkanzija jew mal-eżekuzzjoni ta' provvista ta' servizzi, jew issemmi prezz li ma għandux jitħallas effettivament mix-xerrej, it-taxxa hija dovuta mill-persuna li ffatturatha."

12 Skont il-qorti tar-rinviju, mill-Artikolu 271 u l-Artikolu 272(2), kif ukoll mill-Artikolu 283(4) tal-KĠT jirriżulta li persuna taxxabbli ma għandhiex id-dritt li tnaqqas mill-VAT li hija suġġetta għaliha l-VAT imsemmija fuq fattura maħruġa f'isimha minn persuna li ma pprovditilha ebda merkanzija jew provvista ta' servizzi.

## Il-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari

13 SGI u Valériane, kumpanniji rregolati mid-dritt Franċiż li għandhom is-sede tagħhom f'Réunion (Franza), iwettqu investimenti eliġibbli għat-tnaqqis tat-taxxa previst fl-Artikolu 199j B tal-KĠT. Fil-kuntest tad-dispożittiv imsemmi f'dan l-artikolu, l-imsemmija kumpanniji jakkwistaw oġġetti kapitali intiżi li jingħataw b'kera lil operaturi stabbiliti f'Réunion.

14 Wara verifiki tal-kontabbiltà, l-administration fiscale (l-Amministrazzjoni Fiskali, Franza) kellha xi dubji dwar id-dritt ta' SGI u ta' Valériane għal tnaqqis tal-VAT fuq diversi fatturi ta' akkwist ta' oġġetti kapitali, għar-raġuni, *inter alia*, li dawn il-fatturi ma kienu jikkorrispondu mal-ebda kunsinna effettiva. Konsegwentement, l-amministrazzjoni fiskali bagħtet stimi tal-VAT lil SGI, għall-perijodi tar-raba' trimestru tas-sena 2004 u tal-ewwel żewġ trimestri tas-sena 2005, u lil Valériane, għall-perijodu tat-tielet trimestru tas-sena 2004.

15 SGI u Valériane kkontestaw dawn l-istimi tal-VAT quddiem it-tribunal administratif de la Réunion (il-Qorti Amministrattiva ta' Réunion, Franza), li ċaħdet ir-rikorsi tagħhom permezz ta' żewġ sentenzi tat-28 ta' Frar 2013, ikkonfermati mill-cour administrative d'appel de Bordeaux (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Bordeaux, Franza).

16 F'dak li jirrigwarda lil SGI, il-cour administrative d'appel de Bordeaux (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Bordeaux), wara li indikat li din il-kumpannija kienet invokat il-*bona fide* tagħha, irrilevat li din la kienet qiegħda tikkontesta l-fatt li diversi tranżazzjonijiet ma kinux taw lok għal kunsinna effettiva, la l-fatt li xi kunsinni kienu tard u lanqas, finalment, li ċerti tranżazzjonijiet kienu ġew annullati u li l-imsemmija kumpannija għaldaqstant naqset milli tikkontrolla l-veraċità ta' dawn it-tranżazzjonijiet ekonomiċi li jirrigwardaw ammonti għoljin. Dik il-qorti għaldaqstant iddeduċiet minn dan li l-amministrazzjoni fiskali kienet ġabet il-prova li SGI, fil-kwalità tagħha ta' "professjonali fl-eżenzjoni mit-taxxa barra mill-pajjiż", ma setgħetx tinjora n-natura fittizja tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni jew il-prezzijiet għoljin wisq ta' uħud minnhom.

17 Fir-rigward ta' Valériane, l-imsemmija qorti qieset li l-investigazzjonijiet magħmula mill-amministrazzjoni fiskali kienu ppermettewlha tenfasizza, minn naħa, l-assenza ta' kunsinna u ta' installazzjoni tat-tagħmir inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' ċertu numru ta' nuqqasijiet min-naħa ta' din il-kumpannija, bħan-nuqqas ta' ħlas tal-bilanċ tal-fattura, l-assenza ta' ġbir tad-depożitu ta' garanzija u ta' kirjiet previsti mill-kuntratt ta' kiri mal-kerrej tat-tagħmir u l-assenza ta' verifika tal-eżistenza reali tat-tagħmir minkejja li l-kuntratt ta' kiri kien ġie ffirmat saħansitra qabel li t-tagħmir ġie ffatturat u rċevut.

18 Peress li qiesu li l-cour administrative d'appel de Bordeaux (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Bordeaux) kienet wettqet żball ta' liġi, SGI u Valériane appellaw fil-kassazzjoni quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) abbażi tas-Sitt Direttiva, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

19 Insostenn tal-appell tagħha, SGI targumenta li, fl-assenza ta' kwalunkwe indizju serju li jippresupponi l-involviment tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi kontenzjużi fi frodi, hija ma kellhiex l-obbligu twettaq stħarriġ tar-realtà ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Fir-rigward ta' Valériane, din targumenta li l-cour administrative d'appel de Bordeaux (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Bordeaux) ma investigatx jekk l-amministrazzjoni kinitx ġabet il-prova li hija kienet taf jew missha kienet taf bl-involviment tat-tranżazzjoni inkwistjoni fi frodi tal-VAT.

20 Skont il-qorti tar-rinviju, huwa minnu li, fis-sentenzi tagħha tal-31 ta' Jannar 2013, Stroy trans (C-642/11, EU:C:2013:54) u tal-31 ta' Jannar 2013, LVK (C-643/11, EU:C:2013:55), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li jekk, fid-dawl ta' frodi jew irregolaritajiet imwettqa mill-persuna li ħarġet il-fattura jew fi stadju preċedenti għat-tranżazzjoni invokata bħala bażi għad-dritt għal tnaqqis, din it-tranżazzjoni titqies li effettivament qatt ma saret, id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT jista' jiġi rrifjutat lid-destinatarju tal-fattura biss jekk jiġi stabbilit, fid-dawl ta' elementi oġġettivi u mingħajr ma dan tal-aħħar jiġi obbligat iwettaq verifiki li ma huwiex obbligat jagħmel, li dan id-destinatarju kien jaf jew missu kien jaf li din it-tranżazzjoni kienet involuta fi frodi tal-VAT, punt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

21 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva li dawn iż-żewġ sentenzi ngħataw f'sitwazzjonijiet differenti minn dawk tal-kawżi prinċipali, fejn l-amministrazzjoni fiskali bbażat ruħha fuq irregolaritajiet imwettqa mill-persuna li ħarġet il-fattura jew wieħed mill-fornituri tagħha, u fejn id-domandi preliminari kienu jirrigwardaw il-konsegwenzi li għandhom jittieħdu, għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis mid-destinatarju ta' fattura, mill-assenza ta' rettifika, mill-amministrazzjoni fiskali, f'avviż ta' taxxa rettifikattiv indirizzat lill-emittent ta' din il-fattura, tal-VAT iddikjarata minn dan tal-aħħar.

22 Min-naħa l-oħra, fil-kawżi prinċipali, id-dritt għal tnaqqis ġie rrifjutat għaliex il-merkanzija inkwistjoni ma kinitx ġiet effettivament ipprovduta lill-kumpanniji inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'tali sitwazzjoni, sabiex wieħed jirrifjuta lil persuna taxxabbli d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT, huwiex biżżejjed li jiġi stabbilit li l-merkanzija jew il-provvista ta' servizzi ma ġewx effettivament ipprovduti lilu, jew jekk għandux jiġi stabbilit ukoll li din il-persuna taxxabbli kienet taf jew missha kienet taf li t-tranżazzjoni kkonċernata kienet involuta fi frodi tal-VAT.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja id-domanda preliminari segwenti:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 tas-[Sitt Direttiva], fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom ġew riprodotti essenzjalment fl-Artikolu 168 tad-direttiva [tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1)], għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġi rrifjutat id-dritt għal persuna taxxabbli li tnaqqas, [mill-VAT] li għandha tħallas minħabba t-tranżazzjonijiet tagħha stess, it-taxxa imposta fuq fatturi li jikkorrispondu għal merkanzija jew provvisti ta' servizzi li l-amministrazzjoni fiskali tistabbilixxi li fil-fatt ma ġewx ipprovduti lill-persuna taxxabbli, huwa neċessarju, fil-każijiet kollha, li jiġi eżaminat jekk ġiex stabbilit li dik il-persuna taxxabbli kienet taf jew imissha kienet taf li din it-tranżazzjoni kienet konnessa ma' frodi [fil-VAT], irrispettivament minn jekk din il-frodi twettqitx mill-persuna li ħarġet il-fattura, mill-persuna li rċeviet il-fattura jew minn terzi?"

24 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Awwissu 2017, il-Kawżi C-459/17 u C-460/17 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

## Fuq id-domanda preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

25 Għandu jiġi rrilevat li l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħew f'territorju Franċiż extra-Ewropew li jinsab 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-Sitt Direttiva, skont l-Artikolu 3(3) tagħha.

26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala ammissibbli talbiet għal deċiżjoni preliminari fil-każijiet fejn, anki jekk il-fatti fil-kawża prinċipali ma kinux jaqgħu direttament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt kienu saru applikabbli mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li, fir-rigward tas-soluzzjonijiet li ngħataw għal sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kienet konformi mal-approċċ ipprovdut mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, Jacob u Lassus, C-327/16 u C-421/16, EU:C:2018:210, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Fil-fatt, f'tali każijiet, hemm interess ċert tal-Unjoni li, sabiex jiġu evitati differenzi fl-interpretazzjonijiet futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jirċievu interpretazzjoni uniformi, ikunu xi jkunu l-kundizzjonijiet li fihom ikollhom japplikaw (sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, Jacob u Lassus, C-327/16 u C-421/16, EU:C:2018:210, punt 34).

28 F'dan il-każ, mill-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva sar applikabbli mid-dritt Franċiż b'mod dirett u inkundizzjonat anki fit-territorju extra-Ewropew Franċiż inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, hemm interess ċert tal-Unjoni li tingħata risposta għad-domanda magħmula.

29 Minn dan isegwi li d-domanda preliminari hija ammissibbli.

### *Fuq il-mertu*

30 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi rrifjutat, għal persuna taxxabbli li tirċievi fattura, id-dritt li tnaqqas il-VAT imsemmija fuq din il-fattura, huwiex biżżejjed li l-amministrazzjoni tistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet li din il-fattura tikkorrispondi għalihom effettivament ma sarux, jew jekk din l-amministrazzjoni għandhiex tistabbilixxi wkoll l-assenza ta' *bona fide* ta' din il-persuna taxxabbli.

31 Preliminarjament, għandu jiġi indikat, l-ewwel nett, li d-Direttiva 2006/112, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, ħassret is-Sitt Direttiva mingħajr madankollu ma għamlet tibdiliet sostantivi meta mqabbla magħha. Peress li d-dispożizzjonijiet rilevanti tas-Sitt Direttiva għandhom portata essenzjalment identika għal dawk tad-Direttiva 2006/112, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din id-direttiva tal-aħħar hija applikabbli wkoll għas-Sitt Direttiva.

32 It-tieni nett, mill-proċess fid-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li SGI u Valériane kif ukoll il-fornituri tal-merkanzija kkonċernata għandhom il-kwalità ta' persuni taxxabbli, fis-sens tas-Sitt Direttiva.

33 It-tielet nett, id-domanda magħmula hija bbażata fuq il-premessa li tipprova li l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-VAT fuq ix-xiri hija imposta fuqha, effettivament ma ġietx ikkunsinnata.

34 L-Artikolu 17(1) tas-Sitt Direttiva jipprevedi li d-dritt għal tnaqqis jinħoloq fl-istess mument meta ssir dovuta t-taxxa li minnha jsir it-tnaqqis. Dan huwa l-każ, skont l-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva, meta ssir il-kunsinna tal-merkanzija jew il-provvista ta' servizzi.

35 Minn dan isegwi li, fis-sistema tal-VAT, id-dritt għal tnaqqis huwa marbut mat-twettiq effettiv tal-kunsinna tal-merkanzija jew tal-provvista tas-servizzi inkwistjoni (ara, b'analoġija, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2013, Menidzherski biznes reshenia, C-572/11, mhux ippubblikat, EU:C:2013:456, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għall-kuntrarju, meta ma jkunx hemm twettiq effettiv tal-kunsinna tal-merkanzija jew tal-provvista tas-servizzi, ma jista' jkun hemm ebda dritt għal tnaqqis.

37 F'din il-perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis ma jestendix għal taxxa li hija dovuta biss għaliex hija msemmija fuq fattura (digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2013, Menidzherski biznes reshenia, C-572/11, mhux ippubblikat, EU:C:2013:456, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Il-*bona* jew il-*mala fide* tal-persuna taxxabbli li titlob it-tnaqqis tal-VAT ma taffettwax il-kwistjoni jekk il-kunsinna ssirx, fis-sens tal-Artikolu 10(2) tas-Sitt Direttiva. Fil-fatt, konformement mal-għan ta' din id-direttiva, li hija intiża li tistabbilixxi sistema komuni ta' VAT ibbażata, *inter alia*, fuq definizzjoni uniformi tat-tranżazzjonijiet taxxabbli, il-kunċett ta' "provvista ta' oġġetti", fis-sens tal-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva, għandu natura oġġettiva u għandu jiġi interpretat indipendentement mill-għanijiet u mir-riżultati tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati, mingħajr l-amministrazzjoni tat-taxxa ma tkun obbligata twettaq investigazzjonijiet sabiex tiddetermina l-intenzjoni tal-persuna taxxabbli jew li tieħu inkunsiderazzjoni l-intenzjoni ta' operatur differenti minn din il-persuna taxxabbli involuta fl-istess katina ta' provvisti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Dixons Retail, C-494/12, EU:C:2013:758, punti 19 u 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li huwa dak li jitlob it-tnaqqis tal-VAT li għandu jipprova li huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika minnu (sentenza tas-26 ta' Settembru 1996, Enkler, C-230/94, EU:C:1996:352, punt 24).

40 Minn dan isegwi li l-eżistenza ta' dritt għat-tnaqqis tal-VAT hija suġġetta għall-kundizzjoni li t-tranżazzjonijiet korrispondenti effettivament twettqu.

41 Barra minn hekk, la l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament invokati minn SGI u Valériane, u lanqas il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2013, Stroy trans (C-642/11, EU:C:2013:54), u tal-31 ta' Jannar 2013, LVK (C-643/11, EU:C:2013:55), ma jistgħu jwasslu għal konklużjoni differenti.

42 Qabel kollox, fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, dan jeżiġi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, LVK, C-643/11, EU:C:2013:55, punt 51).

43 Issa, f'dak li jirrigwarda r-regoli fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma hemm ebda indizju li jagħti x'jifhem li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma kinux f'pożizzjoni li jorjentaw ruħhom b'mod utli f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-imsemmija regoli.

44 Sussegwentement, fir-rigward tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, li jikkostitwixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, dan jeżiġi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu l-istess tranżazzjonijiet ma jiġux ittrattati b'mod differenti fil-qasam tal-VAT, sakemm trattament differenzjat ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, LVK, C-643/11, EU:C:2013:55, punt 55). Issa, persuna taxxabbli li tiġi rrifjutata d-dritt għal tnaqqis minħabba l-assenza ta' tranżazzjoni taxxabbli ma tinsabx f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' persuna taxxabbli li ngħatalha d-dritt għal tnaqqis minħabba l-eżistenza ta' tranżazzjoni taxxabbli effettivament imwettqa.

45 Finalment, għandu jiġi ppreċiżat li s-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2013, Stroy trans (C-642/11, EU:C:2013:54), u tal-31 ta' Jannar 2013, LVK (C-643/11, EU:C:2013:55), ingħataw f'ċirkustanzi fattwali sostanzjalment differenti minn dawk tal-kawżi prinċipali. Fil-fatt, f'kuntest fejn ma kienx ġie stabbilit li l-kunsinni ta' merkanzija li d-dritt għal tnaqqis tal-persuni taxxabbli kkonċernati kien ibbażat fuqhom effettivament ma kinux saru, dawn iż-żewġ sentenzi rrigwardaw il-kwistjoni dwar, minn naħa, jekk l-amministrazzjoni fiskali setgħetx tikkonkludi li kien hemm assenza ta' kunsinni taxxabbli għas-sempliċi raġuni li ebda dokument ma kien ġie ppreżentat mill-fornituri dwar it-twettiq tal-kunsinni inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, jekk il-persuni taxxabbli destinatarji ta' dawn il-fatturi setgħux jibbażaw ruħhom fuq l-assenza ta' modifiki magħmula mill-amministrazzjoni tat-taxxa lill-persuni li joħorġu l-fatturi kontenzjużi sabiex jargumentaw li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni kienu realment saru.

46 Issa, fil-kawżi prinċipali, bħalma ġie espost fil-punt 33 ta' din is-sentenza, id-domanda magħmula hija bbażata fuq il-premessa li l-merkanzija li l-VAT fuq ix-xiri hija imposta fuqha effettivament ma ġietx ikkunsinnata.

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi rrifjutat għall-persuna taxxabbli li tirċievi fattura d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT imsemmija fuq din il-fattura, huwa biżżejjed li l-amministrazzjoni tistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet li din il-fattura tikkorrispondi għalihom effettivament ma sarux.

**Fuq l-ispejjeż**

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi**

**rrifjutat għall-persuna taxxabbli li tirċievi fattura d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT imsemmija fuq din il-fattura, huwa biżżejjed li l-amministrazzjoni tistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet li din il-fattura tikkorrispondi għalihom effettivament ma sarux.**

Firem